MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 878/2005

**Louis u Bernadette konjugi Apap Bologna**

**Vs**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna, Philip Apap Bologna, Steven Apap Bologna u Alexandra mart Peter Sant Manduca; u Dr. Vincent Galea u P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2005 bhala Kuraturi Deputati nominati biex jirraprezentaw lill-assenti Anthony Apap Bologna biss u l-assenti Angela mart Lindsay Wood.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ippremettew illi:

Premess illi fis-26 ta' Novembru 2003 mietet il-Markesina Wilfrida Apap Bologna skond ic-certifikat tal-mewt hawn ezibit u mmarkat dokument A u ddisponiet mill-wirt taghha bi tlett testmenti fl-atti tan-Nutar John Gambin datati t-22 ta' Novembru 2000, u l-14 ta' Frar 2002, u 16 ta' Settembru 2003 (hawn ezibiti bhala dokumenti B, C u D rispettivament);

U billi l-istess Markesina Wilfrida Apap Bologna halliet warajha bhala dixxendenti taghha uliedha Anthony, Louis u Joseph u t-tfal ta' binha li-mejjet John, ossia Angela mart Lindsay Wood, Philip, Steven u Alexandra sive Sandra mart Peter Sant Manduca;

U billi l-imsemmija Markesina Wilfrida Apap Bologna kienet halliet bhala werrieta taghha fi kwoti ugwali ta' kwart kull wiehed lil uliedha Anthony, Louis u Joseph, waqt li l-ahhar kwart tal-wirt kellu jigi maqsum fi kwoti ugwali bejn it-tfal ta' binha il-mejjet John, ossia Angela mart Lindsay Wood, Philip, Steven u Alexandra sive Sandra mart Peter Sant Manduca;

U billi l-istess Markesina Wilfrida Apap Bologna halliet fil-fuq imsemmija testmenti taghha diversi legati fosthom legati lill-atturi: nkluzi '*antique inlaid chest-of-drawers with three (3) drawers and an upper smaller drawer which today is found in the testatrix's sala'* lil Louis; u '*the oil painting depicting Saint John presently in the sitting room of testatrix's residence in Mosta'; 'Id-dar having two (2) doors numbered 86 and 84, in Constitution Street, Mosta, including the back garden and in their entirety"* lil Louis u lil Bernadette Apap Bologna f'partijiet ugwali bejniethom.

U billi l-attur Louis Apap Bologna kien gie nominat mid-decujus bhala esekutur testamentarju tal-wirt taghha, u in adempjenza ta' l-inkarigu tieghu l-istess Louis Apap

Bologna pproceda biex jaghmel inventarju u valutazzjoni tal-wirt hawn annessa bhala dokument E u ghamel ukoll il-mehtiega denunzja li qed tigi hawn annessa bhala dokument F.

U billi l-konvenuti, jew xi whud minnhom, ghadhom ma ddikjarawx jekk jaccettaw il-wirt jew le;

U billi l-atturi ma jixtiequx jibqghu aktar in komunjoni mal-konvenuti fl-assi ereditarji tal-mejta Markesina Wilfrida Apap Bologna;

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega, tiddeciedi billi:

1. Taghti lil kull wiehed mill-konvenuti, jew min minnhom, ghat-tenur ta’ l-artikolu 868 tal-kodici Civili, zmien ta’ xahar biex jiddikjara jekk jaccettax il-wirt premess jew jirrinuzjax ghalih, u fin-nuqqas ta’ dik id-dikjarazzjoni fiz-zmien hawn fuq imsemmi, l-wirt jitqies irrinunzjat mill-istess konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi a fol. 173 tal-process fejn eccepew:**

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna, Philip Apap Bologna, Steven Apap Bologna, Alexandra sive Sandra Sant Manduca, f’isimha proprju u bhala prokuratrici tal-**

**assenti Angela Wood** a fol. 178 tal-process fejn eccepew:

1. Illi huma, permezz tan-noti li kopji huma hawn annessi pprezentati quddiem il-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja, rrinunzjaw ghall-wirt lilhom devolut mill-Markesina Wilfrida Apap Bologna li mietet fis-16 ta' Novembru, 2003, filwaqt illi zammew ferm id-dritt taghhom ghall-legittima spettanti lilhom skond il-ligi. Illi ghalhekk, fil-konfront taghhom, il-meritu tal-kawza huwa ezawrit.

2. Illi in kwantu ghall-ispejjez, tal-kawza, l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu dawn l-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-nota a fol 164;

Rat il-verbal a fol 195 fejn il-partijiet qablu li l-mertu hu ezawrit u jonqos biss il-kwistjoni ta' l-ispejjez tal-kawza;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw dana l-punt;

**Tikkunsidra**

Illi l-kawza prezenti kienet intiza biex il-Qorti taghti lil kull wiehed mill-konvenuti, jew min minnhom, ghat-tenur ta' l-artikolu 868 tal-kodici Civili, zmien ta' xahar biex jiddikjara jekk jaccettax il-wirt premess jew jirrinuzjax ghalih, u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiz-zmien hawn fuq imsemmi, l-wirt jitqies irrinunzjat mill-istess konvenuti.

Peress illi l-konvenuti rrinunzjaw ghall-wirt devolut lilhom filwaqt illi zammew ferm id-dritt taghhom ghall-legittima spettanti lilhom skond il-ligi ghalhekk illum il-meritu tal-kawza huwa ezawrit.

Kwantu ghall-ispejjez billi skond gurisprudenza ta' dawn il-Qrati l-beneficcju ta' l-artikolu 868 huwa kollhu a vantagg ta' l-atturi u ghalhekk huma biss ghandhom jissapportaw l-

ispejjez relattivi (ara f'dan is-sens is-sentenzi riportati fil-Vol XL111 p 2 p 661 u Vol XX p2 p 401).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu stante li dana gie ezawrit;

Spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------